I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDAZZJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-29 ta' Settembru 2021

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Central Bank of Ireland

(BĊE/2021/44)

(2021/C 403/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Fl-2016, Central Bank of Ireland għażel lil Mazars bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2016 sa 2020.

(3) Il-mandat tal-awdituri esterni kurrenti ta' Central Bank of Ireland, Mazars, intemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2020. Għalhekk jenħtieġ li jinħatru awdituri esterni għas-snin finanzjarji 2021 u 2022.

(4) Central Bank of Ireland biħsiebu jestendi l-mandat ta' Mazars għas-snin finanzjarji 2021 u 2022,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrakkomandat illi Mazars għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Central Bank of Ireland għas-snin finanzjarji 2021 sa 2022.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-29 ta' Settembru 2021.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE